**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 9 – IL-ĦAMIS 27 TA' FRAR 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa Il-Ħamis 27 ta' Frar 2020 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Skużati | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Assenti | Donald Cassar | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. Joseph Piscopo | Accountant tal-Kunsill |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

1.1 Is-Sindku introduċa l-laqgħa billi spjega li r-raġuni l-għala din kienet qed issir b' urġenza għall fatt li l-għada riedu jiġu submitted il-financial statements u ma kienx hemm lok t' estenzjoni għalihom. Huwa semma li fostna kien hawn is-Sur. Joseph Piscopo li kien se jagħti spjegazzjoni fuqhom u jwieġeb għall mistoqsijiet li jkun hemm.

1.2 Is-Sur. Piscopo semma li l-financial statements huma paragun ma tas-sena ta' qabel jiġifieri 2018 ukoll. Huwa qal li fis-sena 2018 konna spiċċajna b' defiċit għall fatt li kien hemm aġġustament fuq id-deprezzament tal-assi. Għas sena 2019 konna spiċċajna però b' surplus ta' Eur0 52,000, li jinstab fl-istatement of Profit or Loss.

1.3 Is-Sur. Piscopo irrefera għan numri li kien hemm maġenb l-items u n-noti li kien hemm fuq wara biex wieħed jara kif dawn ġew maħduma.

1.4 Is-Sur. Piscopo semma wkoll l-statement of Cash Flows jikkonsidra kemm hemm fil-verita flus fil-bank u kemm intefqu fejn fl-aħħar tas-sena l-Kunsill kellu madwar Euro 440,000. Huwa kompla jispjega fuq l-istatement of Financial Position u x' jimplika.

1.5 Is-Sur. Piscopo semma li hemm xi kredituri li kellhom jitħallsu u għadhom ma tħallsux. Is-Segretarju semma li dawn kienu rigward xogħolijiet ta' kostruzzjoni li ma sarux sewwa u l-Kunsill ħass li qabel jiġu rranġati ma jitħallsux. Is-Segretarju semma wkoll li huwa kien għamel kuntatt magħhom imma baqgħu ma rrisolvewx il-problemi.

1.6 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera jekk kellhomx aktar mistoqsijiet x' jagħmlu. Huwa talab lill-Kunsilliera biex japprovaw dawn il-Financial Statements. Proponent kien hemm is-Sindku John Schembri, sekondant il-Kunsilliera Massa u l-Kunsillier Caruana.

## 2. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ħamis 27 ta' Frar 2020 fis-6.20 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |